MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Mandat Numru. 554/2013/1

**Pierre Terreni**
**(482662 (M))**

**vs**

**F.L. Yachting Limited**
**(C – 31753)**
**U**
**L-Awtorita` tat-Trasport f’Malta**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 t’April, 2013, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi permezz tal-istess qed jikkawtela d-drittijiet tieghu biex l-intimati fuq indikati jigu inibiti milli

jitrasferixxu taht kwalunkwe titolu l-irmigg hemm indikat, senjatament dak numru 44, fil-Marina ta’ Ta’ Xbiex;

2. Illi dan qed jintalab ghaliex ir-rikorrenti xtara l-*yacht* “Amica” kif indikat fl-istess rikors promotur minghand is-socjeta` intimata u dan, kif jghid l-istess rikorrenti fir-rikors *de quo* tieghu “ … skont l-iskrittura tal-15 ta’ Novembru, 2012”, (ara fol 1);

3. Illi l-irmigg in dizamina hu l-uniku irmigg registrat favur is-socjeta` ntimata venditrici il-*yacht de quo*;

4. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti gie wkoll muri l-irmigg in dizamina u gie miftiehem li d-dghajsa *de quo* kienet ser tinxtara flimkien mal-irmigg fuq indikat;

5. Illi skont il-proceduri ta’ l-Awtorita` tat-Trasport f’Malta, irmigg ma jistax jigi trasferit wahdu imma biss flimkien ma’ dghajsa;

6. Illi ghalhekk dghajsa u irmigg iridu jigu trasferiti flimkien;

7. Illi r-rikorrenti hallas il-prezz kollu dovut lis-socjeta` ntimata venditrici, inkluz il-prezz dovut ghall-irmigg, u dan, fis-7 ta’ Jannar, 2013;

8. Illi nonostante dan, ir-rikorrenti nghata biss id-dghajsa u mhux l-irmigg ukoll;

9. Illi wara d-debiti verifiki r-rikorrenti skopra li s-socjeta` ntimata naqset li tinforma lill-Awtorita` ntimata li r-rikorrenti kien xtara minghandha l-*yacht* u l-irmigg konsegwenti fuq riferit nonostante li r-rapprezentant tas-socjeta` ntimata kien obbliga ruhu li ser jibghat l-ittra in kwistjoni;

10. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jinsisti li s-socjeta` ntimata ghandha titrasferixxi l-irmigg *de quo* u mhux iehor differenti kif issa qed tipproponi l-imsemmija socjeta`;

Rat ir-risposta tas-socjeta` ntimata datata s-16 t'April, 2013, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi taqbel mas-segwenti fatti:

i. Illi l-ftehim bejn il-kontendenti odjerni hu dak datat il-15 ta' Novembru, 2012;

ii. Illi r-rikorrenti hallas l-ammont kollu minnu dovut ghad-dghajsa in dizamina;

2. Illi pero` tirrileva li l-irmigg marbut mal-kompra-vendita tal-*yacht de quo* qatt ma gie identifikat specifikatament;

3. Illi ghalhekk il-kontendenti qatt ma ftiehmu liema irmigg partikolari kellu jinghadda lir-rikorrenti;

4. Illi s-sitwazzjoni tant kienet fluwida li sahansitra l-istess rikorrenti kien talab lil rapprezentanti tas-socjeta` ntimata biex anke jsibulu irmigg x'imkien iehor fl-istess *marina*, u kien ghalhekk li bdiet tinnegozja ma' terzi biex issib irmigg adegwat li tkun tista' tghaddi lir-rikorrenti;

5. Illi nonostante li jirrizulta li l-irmigg numru 44 fuq gia` riferit hu f'idejn is-socjeta` ntimata, dan ma jfissirx li ghandu awtomatikament jghaddi f'idejn ir-rikorrenti;

Rat ukoll ir-risposta tal-Awtorita` ntimata datata t-18 t'April, 2013, li permezz taghha sintetikament sostniet is-segwenti:

1. Illi tissottolinea li hadd mill-utenti tal-*marina* operata minnha ma ghandu "irmigg permanenti" jew xi dritt reali fir-rigward, u dan, kif anke konfortat mis-sentenzi minnha riferiti;

2. Illi konsegwenza diretta tal-istess allura jirrizulta li l-ebda irmigg ma jista' jigi trasferit kif jindikaw li qed jigi propost mill-kontendenti l-ohra;

3. Illi fil-meritu, ir-rekwiziti ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni ma jissussistux;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna hi wahda naxxenti mill-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li sintetikament tistipula s-segwenti:

1. Illi l-iskop tal-mandat odjern hu dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tippregudika rrimedjabbilment lill-persuna li tintavola l-mandat *de quo*;

2. Illi qorti hi prekluza milli tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li:

i. Il-mandat hu mehtieg biex jipprotegi d-drittijiet tar-rikorrenti;

ii. Ir-rikorrenti *prima facie* jidher li ghandu dawn id-drittijiet minnu allegati;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami skont il-ligi tal-fatti in dizamina jirrizulta s-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata bieghet il-*yacht* "Amica" lir-rikorrenti;

2. Illi l-bejgh *de quo* gie konsmat a bazi ta' skrittura privata datata l-15 ta' Novembru, 2012;

3. Illi fl-imsemmija skrittura ghandu jinghad li ghal dak li jirrigwarda l-irmigg intqal is-segwenti:

i. Illi fil-paragrafu numru 2 tal-istess jinghad li l-prezz hu dak indikat fl-istess skrittura u jinkludi l-VAT u:

" a berth situated at the Ta' Xbiex Marina";

ii. Illi fil-paragrafu numru 7D tal-istess jinghad li t-titolu tal-*yacht* u tal-irmigg jigi trasferit mill-venditur, (is-socjeta` ntimata) lill-kompratur, (ir-rikorrenti);

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk, *ai termini* tal-imsemmi artikolu 873 tal-Kap 12 ghandu jigi l-ewwel nett stabbilit jekk ir-rikorrenti effettivament ghandux drittijiet li jridu jigu protetti liema drittijiet *prima facie* qed jigu lezi bil-komportament tas-socjeta` ntimata;

Illi kif issostni l-istess Awtorita` ntimata hu pacifiku li biex jinhareg il-mandat in dizamina ghandhom jigu sodisfatti r-rekwiziti mposti mill-artikolu msemmi fil-paragrafu precedenti, u dan, b'mod komplessiv;

Illi ezami tal-fatti kif fuq esposti jillimita l-vertenza ghall-irmigg kontestat mill-partijiet;

Illi fir-rigward, ir-regolamenti li jirregolaw il-vertenza odjerna ma jghaddu l-ebda drittijiet reali lill-utenti tal-*marina* u jirrizervaw id-drittijiet kollha fir-rigward favur l-imsemmija Awtorita`;

Illi *di piu`*, din il-qorti ma jirrizultalhiex li l-kontendenti Terreni u F.L. Yachting Limited ikkontrattaw xi forma ta' ftehim fir-rigward tal-irmigg numru 44 tal-*marina* in dizamina;

Illi li jirrizulta kif anke aktar qabel riferit hu li l-kliem fir-rigward kien wiehed ta' natura generika u indefinita, u mhux specifika u partikolari kif donnu qed jifhem ir-rikorrenti;

Illi ghalhekk id-drittijiet relattivi ghall-irmigg in dizamina li jidhru li gew pattwiti bejn l-imsemmija kontendenti fuq riferiti huma kemm ta’ natura generika kif ukoll dipendenti kemm mill-opportunitajiet li jistghu jigu f’idejn is-socjeta` ntimata, kif ukoll mill-latitudini funzjonali li tista’ lilhom tikkoncedi l-Awtorita` ntimata;

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti ma jirrizultax li kkonkluda ftehim partikolari specifikatament iffokat fuq l-irmigg 44 minnu ndirizzat;

Illi mhux biss l-iskrittura privata *de quo* ma jirrizultax li tirreferi ghal dan l-irmigg partikolari, izda minflok jirrizulta b’mod car u bla ekwivoku, li l-irmigg li r-rikorrenti kien ftiehem li jakkwista kien wiehed fletwanti li jiddependi mill-possibiltajiet disponibbli lis-socjeta` ntimata min zmien ghal zmien u li jirrizulta li kienet qed tinnegozja fir-rigward;

Ghaldaqstant, stante li r-rikorrenti ma jirrizultax li ghandu xi dritt kwezit partikolari kif minnu allegat, filwaqt li takkolji r-risposti tal-intimati, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Pierre Terreni, bl-ispejjez.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------